

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

DEĊIŻJONI Nru 1672/2006/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 13(2), 129, 137(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000 inkorpora l-promozzjoni ta' l-impjiegi u ta' l-inklużjoni soċjali bħala parti integranti ta' l-istrateġija globali ta' l-Unjoni sabiex tilħaq l-għan strateġiku tagħha, għad-deċennju li jmiss, li ssir l-aktar ekonomija, ibbażata fuq il-konozzenza, kompetittiva u dinamika fid-dinja, b'kapaċità għal tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'titjib kwantitattiv u kwalitattiv fl-impjiegi u b'koeżjoni soċjali akbar. Dan stabbilixxa objettivi u miri ambizzjużi għall-Unjoni sabiex toħloq mill-ġdid il-kondizzjonijiet għal impjiegi għal kulħadd, ittejjeb il-kwalità u l-produttività fuq il-post tax-xogħol, u tippromwovi l-koeżjoni soċjali kif ukoll suq tax-xogħol inklużiv. Barra minn hekk, sar fokus mill-ġdid fuq l-istrateġija mill-Kunsill Ewropew ta' Brussel tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005.
- (2) Konformi ma' l-intenzjoni espressa tal-Kummissjoni li ssaħħaħ u tirrazzjonalizza l-istrumenti ta' finanzjament ta' l-Komunità, din id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi Programm uniku u razzjonalizzat li jipprovdi għat-tkomplija u l-iżvilupp ta' l-attivitajiet li kienu ngħataw bidu abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sa 2006) ⁽⁴⁾,

tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi Programm li għandu x'jaqsam ma' l-istrateġija ta' qafas tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2001 sa 2005) ⁽⁵⁾, kif ukoll tad-Deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 50/2002/KE ⁽⁶⁾ tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali, Nru 1145/2002/KE ⁽⁷⁾ ta' l-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol u Nru 848/2004/KE ⁽⁸⁾ tad-29 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità sabiex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll ta' dawk l-attivitajiet imwettqa fil-livell Komunitarju fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol.

- (3) Il-Kunsill Ewropew Straordinarju dwar l-Impjiegi ta' Lussemburgu fl-20 u l-21 ta' Novembru 1997 ta' bidu għall-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi sabiex jiġu kkoordinati l-linji politiċi ta' l-Istati Membri dwar l-impjiegi abbażi ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet dwar l-impjiegi li dwarhom kien hemm qbil komuni. L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi issa hija l-aktar strument importanti fil-livell Ewropew fl-implementazzjoni ta' l-obiettivi ta' l-Istrateġija ta' Lisbona rigward l-impjiegi u s-suq tax-xogħol.
- (4) Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona kkonkluda li n-numru ta' nies li fl-Unjoni jgħixu taħt il-livell li jiddelimita l-faqar u f-esklużjoni soċjali mhuwiex aċċettabbli u għalhekk ġie meqjus meħtieġ li jittieħdu l-miżuri sabiex isir progress deċiżiv fil-qerda tal-faqar billi jitwaqqfu objettivi adegwati. Tali objettivi kienu miftiehma mill-Kunsill Ewropew ta'

⁽¹⁾ ĠU C 255, 14.10.2005, p. 67.

⁽²⁾ ĠU C 164, 5.7.2005, p. 48.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Settembru 2005 (ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 99), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2006 (ĠU C 238 E, 3.10.2006, p. 31) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2006 (għadha mhijiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU L 17, 19.1.2001, p. 22. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

⁽⁶⁾ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 786/2004/KE (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 7).

⁽⁷⁾ ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 786/2004/KE.

⁽⁸⁾ ĠU L 157, 30.4.2004, p. 18. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE.

- Nizza fis-7, it-8 u d-9 ta' Diċembru 2000. Dan qabel ukoll li l-linji politiċi dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali għandhom ikunu bbażati fuq il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, li jgħaqqad il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u inizzjattiva tal-Kummissjoni għall-koperazzjoni.
- (5) Il-bidla demografika tirrappreżenta sfida maġġuri għall-perjodu twil għall-kapaċità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jipprovdu pensjonijiet u saħħa u kura tas-saħħa għal perjodu twil li jkun aċċessibbli għal kulħadd u li jistgħu jiġu ffinanzjati għall-perjodu fit-tul. Huwa importanti li jiġu promossi linji politiċi li jistgħu jiksbu kemm protezzjoni soċjali adegwata kif ukoll is-sostenibbiltà ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali. Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ddeċieda li l-koperazzjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni.
- (6) F'dan il-kuntest għandha tinġibed attenzjoni fuq is-sitwazzjoni speċifika tal-migranti kif ukoll fuq l-importanza li tittieħed azzjoni sabiex ix-xogħol mhux dikjarat jiġi trasformat f'impjieġ regolari.
- (7) L-assigurazzjoni ta' standards minimi u t-titjib kostanti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni huwa fattur ċentrali tal-politika soċjali Ewropea u jikkorrispondi għal objettiv globali importanti ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Komunità għandha rwol importanti sabiex tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-ħtieġa ta' rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, il-protezzjoni tal-ħaddiema fejn il-kuntratt tax-xogħol tagħhom jiġi terminat, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, u r-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem.
- (8) Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni huwa prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 13 tat-Trattat jipprovdi għal azzjoni sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ta' l-orijini razzjali jew etnika, tar-reliġjon jew twemmin, ta' diżabbiltà, ta' l-età jew ta' l-orjentazzjoni sesswali. In-non diskriminazzjoni hija affermata wkoll fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-fatturi speċifiċi tad-diversi forum ta' diskriminazzjoni għandhom jiġu akkomodati, u flimkien ma' dawn għandha tiġi żviluppata azzjoni xierqa għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq xi motiv jew iżjed. Għalhekk, meta jiġu kkunsidrati l-aċċessibbiltà u r-riżultati tal-Programm, il-ħtiġijiet partikolari ta' persuni b'diżabbiltà għandhom jitqiesu f'termini li jiġi żgurat l-aċċess sħiħ u uguali tagħhom għall-attivitajiet finanzjati b'dan il-Programm u r-riżultati u l-valutazzjoni ta' dawk l-attivitajiet, inkluż il-kumpens ta' spejjeż addizzjonali li jidħlu fihom persuni b'diżabbiltà minħabba d-diżabbiltà tagħhom. L-esperjenza miksuba tul il-ħafna snin li ġew miġġielda ċerti forum ta' diskriminazzjoni, inkluż d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, tista' tkun utli fil-ġlieda kontra forum ta' diskriminazzjoni oħrajn.
- (9) Abbażi ta' l-Artikolu 13 tat-Trattat, il-Kunsill adotta d-direttivi li ġejjin: id-Direttiva 2000/43/KE ⁽¹⁾ tad-
- 29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament uguali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew ta' l-etniċità li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini razzjali jew etnika fi, inter alia, l-impjieġi, it-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni, il-prodotti u s-servizzi u fil-protezzjoni soċjali, id-Direttiva 2000/78/KE ⁽²⁾ tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieġ u fix-xogħol li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-impjieġi u fl-okkupazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età u orjentazzjoni sesswali, u d-Direttiva 2004/113/KE ⁽³⁾ tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament uguali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-fornitura ta' prodotti u servizzi.
- (10) Skond l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat, it-trattament uguali bejn l-irġiel u n-nisa huwa prinċipju fundamentali tal-liġi Komunitarja. Id-Direttivi u atti oħra adottati abbażi ta' dan il-prinċipju għandhom sehem ewlieni fit-titjib tas-sitwazzjoni tan-nisa fl-Unjoni. L-esperjenza ta' azzjoni fil-livell Komunitarju wriet li l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-linji politiċi tal-Komunità u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-prattika jeħtieġu kombinazzjoni ta' strumenti, li jinkludi leġislazzjoni, strumenti ta' finanzjament u integrazzjoni mfassla b'mod li jsaħħu lil xulxin. Skond il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-integrazzjoni tas-sessi għandha tiġi promossa f'kull taqsima u attività tal-Programm.
- (11) Ħafna organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs) attivi f'livelli varji jistgħu jagħtu kontribut importanti fil-livell Ewropew permezz ta' *networks* prinċipali li jassistu fil-bdil ta' l-orjentazzjonijiet tal-politika relatati ma' l-oġġettivi ġenerali tal-Programm.
- (12) Ladarba l-oġġettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti fil-livell ta' l-Istati Membri minħabba l-ħtieġa ta' skambju ta' informazzjoni fil-livell Ewropew u tad-disseminazzjoni ta' Prattika tajba fil-Komunità kollha u billi għalhekk dawn l-oġġettivi jistgħu, minħabba d-dimensjoni multilaterali ta' l-azzjonijiet u l-miżuri Komunitarji, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (13) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi l-punt ta' referenza prinċipali, fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ⁽⁴⁾, għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura annwali tal-baġit.
- (14) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-

⁽²⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

⁽³⁾ ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽¹⁾ ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ⁽¹⁾.

- (15) Minħabba li l-Programm huwa maqsum f'ħames taqsimiet, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għar-rotazzjoni tar-rappreżentanti nazzjonali tagħhom skond is-suġġetti indirizzati mill-Kumitat li jassisti lill-Kummissjoni,

2. L-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi promossa fit-taqsimiet kollha tal-Programm u fl-attivitajiet kollha taħtu.

3. Ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet u l-attivitajiet tal-Programm għandhom jiġu disseminati lil daww involuti u lill-pubbliku kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha twettaq skambji ta' fehmiet mal-partijiet interessati prinċipali kif xieraq.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 3

Artikolu 1

Stabbiliment u tul tal-Programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali, imsemmi PROGRESS ("il-Programm"), għall-appoġġ finanzjarju ta' l-implementazzjoni ta' l-oġġettivi ta' l-Unjoni Ewropea fl-oqsma ta' l-impjiegi u ta' l-affarijiet soċjali, kif jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri ta' l-Istrateġija ta' Lisbona f'dawk l-oqsma.

2. Il-Programm għandu jiġi attwat mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2

Oġġettivi ġenerali

1. Il-Programm għandu l-oġġettivi ġenerali li ġejjin:

- (a) li jtejjeb il-konoxxenza u l-għarfien tas-sitwazzjoni li tipprevalixxi fl-Istati Membri u f'pajjiżi oħra parteċipanti permezz ta' l-analiżi, tal-valutazzjoni u tal-monitoraġġ mill-qrib tal-linji politiċi;
- (b) li jappoġġa l-iżvilupp ta' strumenti u metodi statistiċi u ta' indikaturi komuni, fejn ikun il-każ imqassam skond is-sess u l-grupp ta' età, fl-oqsma koperti mill-Programm;
- (c) li jappoġġa u jimmonitorja l-implementazzjoni tal-liġi Komunitarja, fejn applikabbli, u l-oġġettivi tal-politika fl-Istati Membri, u li jivvaluta l-effikaċja u l-impatt tagħhom;
- (d) li jippromwovi n-networking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u d-disseminazzjoni ta' prattika tajba u approċċi innovattivi fil-livell Ewropew;
- (e) li jrawwem il-kuxjenza tal-partijiet interessati u tal-pubbliku ġenerali dwar il-linji politiċi u l-oġġettivi tal-Komunità segwiti taħt kull waħda mill-ħames taqsimiet;
- (f) li jsaħħaħ il-kapaċità tan-networks ewlenin fil-livell Ewropew sabiex jippromwovi, jappoġġa u jiżviluppa ulterjorment il-linji politiċi u l-oġġettivi tal-Komunità, fejn applikabbli.

Struttura tal-Programm

Il-Programm għandu jinqasam fil-ħames taqsimiet li ġejjin:

- 1) Impjiegi
- 2) Il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali
- 3) Kondizzjonijiet tax-xogħol
- 4) Antidiskriminazzjoni u diversità
- 5) Ugwaljanza bejn is-sessi.

Artikolu 4

Taqsimi 1: Impjiegi

It-taqsimi 1 għandha tappoġġa l-implementazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi (EES) billi:

- (a) jiġi mtejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u tal-prospetti ta' l-impjiegi, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u l-iżvilupp ta' l-istatistika u indikaturi komuni fi ħdan il-qafas ta' l-EES;
- (b) isir monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-implementazzjoni tal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet Ewropej dwar l-Impjiegi u ta' l-impatt tagħhom, b'mod partikolari permezz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u billi tiġi analizzata l-interazzjoni bejn l-EES u l-politika ekonomika u soċjali ġenerali kif ukoll oqsma oħra ta' politika;
- (c) jiġu organizzati skambji dwar linji politiċi, prattika tajba u approċċi innovattivi u jiġi promoss it-tagħlim reċiproku fil-kuntast ta' l-EES;
- (d) tiġi mqajma l-kuxjenza, tiġi disseminata l-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi ta' l-impjiegi, il-linji politiċi u l-implementazzjoni ta' programmi ta' riforma nazzjonali, anke fost l-imsieħba soċjali, l-atturi reġjonali u lokali, u partijiet interessati oħrajn.

⁽¹⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Artikolu 5

Taqsim 2: Il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali

It-taqsim 2 għandha tappoġġa l-implementazzjoni tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (OMC) fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali billi:

- (a) jiġi mtejjeb l-għarfien tal-kwistjonijiet dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-linji politiki tal-protezzjoni soċjali u ta' l-inklużjoni, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u l-iżvilupp ta' statistika u indikaturi komuni fi ħdan il-qafas ta' l-OMC fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u ta' l-inklużjoni;
- (b) isir monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-implementazzjoni ta' l-OMC fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni u l-impatt tiegħu fil-livelli nazzjonali u Komunitarju kif ukoll tiġi analizzata l-interazzjoni bejn dan l-OMC u oqsma oħra ta' politika;
- (c) jiġu organizzati skambji dwar linji politiki, prattika tajba u approċċi innovattivi u jiġi promoss it-tagħlim reċiproku fil-kuntest ta' l-istrategġija tal-protezzjoni soċjali u ta' l-inklużjoni;
- (d) tiġi mqajma l-kuxjenza, tiġi disseminata l-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi u l-kwistjonijiet ta' politika prinċipali mqajma fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u ta' l-inklużjoni, anke fost l-imsieħba soċjali, l-atturi reġjonali u lokali, l-NGOs u partijiet interessati oħrajn;
- (e) tiġi żviluppata l-kapaċità ta' *networks* ewlenin fil-livell Ewropew fl-appoġġ u fl-iżvilupp ulterjuri tal-miri ta' politika u ta' l-istrategġija Komunitarji dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni.

Artikolu 6

Taqsim 3: Kondizzjonijiet tax-xogħol

It-Taqsim 3 għandha tappoġġa t-titjib ta' l-ambjent u tal-kondizzjonijiet tax-xogħol inklużi is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja billi:

- (a) jiġi mtejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u, fejn ikun il-każ, bl-iżvilupp ta' statistika u indikaturi, kif ukoll bil-valutazzjoni ta' l-effikaċja u l-impatt tal-leġislazzjoni, tal-linji politiki u tal-prattika eżistenti;
- (b) tiġi appoġġata l-implementazzjoni tal-liġi Komunitarja dwar ix-xogħol permezz ta' monitoraġġ effikaċi, ta' l-organizzazzjoni ta' *seminars* għal dawk li jaħdmu fil-qasam, ta' l-iżvilupp ta' gwidi u *networking* fost korpi speċjalizzati, inklużi l-imsieħba soċjali;
- (c) jingħata bidu għal azzjonijiet ta' prevenzjoni u tiġi mkattru l-kultura ta' prevenzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol;

- (d) tiġi mqajma l-kuxjenza, tiġi disseminata l-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi u l-kwistjonijiet ta' politika prinċipali fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, anke fost l-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħrajn.

Artikolu 7

Taqsim 4: Antidiskriminazzjoni u diversità

It-taqsim 4 għandha tappoġġa l-implementazzjoni effikaċi tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u tippromwovi l-integrazzjoni tiegħu fil-linji politiki Komunitarji kollha billi:

- (a) jiġi mtejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-diskriminazzjoni b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u, fejn ikun il-każ, bl-iżvilupp ta' statistika u indikaturi kif ukoll bil-valutazzjoni ta' l-effikaċja u l-impatt tal-leġislazzjoni, tal-linji politiki u tal-prattika eżistenti;
- (b) tiġi appoġġata l-implementazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-anti-diskriminazzjoni permezz ta' monitoraġġ effikaċi, ta' l-organizzazzjoni ta' *seminars* għal dawk li jaħdmu fil-qasam u *networking* fost il-korpi speċjalizzati li jitrattaw l-anti-diskriminazzjoni;
- (c) tiġi mqajma l-kuxjenza, tiġi disseminata l-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi u l-kwistjonijiet ta' politika prinċipali fir-rigward tad-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni ta' l-anti-diskriminazzjoni fil-linji politiki Komunitarji, anke fost l-imsieħba soċjali, l-NGOs u partijiet interessati oħrajn;
- (d) tiġi żviluppata l-kapaċità ta' *networks* ewlenin fil-livell Ewropew fl-appoġġ u l-iżvilupp ulterjuri tal-miri ta' politika u l-istrategġija Komunitarji fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Artikolu 8

Taqsim 5: Ugwaljanza bejn is-sessi

It-Taqsim 5 għandha tappoġġa l-implementazzjoni effikaċi tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u tippromwovi l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-linji politiki Komunitarji billi:

- (a) jiġi mtejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' distinzjoni bejn is-sessi u ta' l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u bl-iżvilupp ta' statistika u, fejn xieraq, indikaturi, kif ukoll il-valutazzjoni ta' l-effikaċja u ta' l-impatt tal-leġislazzjoni, tal-linji politiki u tal-prattika eżistenti;
- (b) tiġi appoġġata l-implementazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' monitoraġġ effikaċi, ta' l-organizzazzjoni ta' *seminars* għal dawk li jaħdmu fil-qasam u *networking* fost il-korpi ta' ugwaljanza speċjalizzati;
- (c) tiġi mqajma l-kuxjenza, tiġi disseminata l-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi u l-kwistjonijiet ta'

politika prinċipali fir-rigward ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tas-sessi, fost l-imsieħba soċjali, l-NGOs u partijiet interessati oħrajn;

- (d) tiġi żviluppata l-kapaċità ta' *networks* ewlenin fil-livell Ewropew fl-appoġġ u fl-iżvilupp ulterjuri tal-miri ta' politika u l-strateġiji Komunitarji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Artikolu 9

Tipi ta' azzjonijiet

1. Il-Programm għandu jiffinanzja t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, li jistgħu jiġu implementati, fejn ikun il-każ, fi ħdan qafas transnazzjonali:

(a) Attivitàjiet analitiċi:

- (i) ġbir, żvilupp u disseminazzjoni ta' data u statistika;
- (ii) żvilupp u disseminazzjoni ta' metodoloġiji komuni u, fejn ikun il-każ, ta' indikaturi jew *benchmarks*;
- (iii) twettiq ta' studji, analiżi u sħarriġ, u disseminazzjoni tar-riżultati tagħhom;
- (iv) twettiq ta' valutazzjonijiet u ta' stimi dwar l-impatt, u disseminazzjoni tar-riżultati tagħhom;
- (v) elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv permezz ta' l-Internet u medja oħrajn.

(b) Attivitàjiet ta' tagħlim reċiproku, sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika u disseminazzjoni:

- (i) identifikazzjoni u skambji ta' prattika tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi u organizzazzjoni ta' revizzjonijiet bejn il-pari u tagħlim reċiproku permezz ta' laqgħat/*workshops/seminars* fil-livelli Ewropew, transnazzjonali jew nazzjonali, b'kont meħud, fejn possibbli, taċ-ċirkustanzi nazzjonali speċifiċi;
- (ii) organizzazzjoni ta' konferenzi/*seminars* tal-Presidenza;
- (iii) organizzazzjoni ta' konferenzi/*seminars* bħala appoġġ għall-iżvilupp u għall-implementazzjoni tal-liġi u l-oġettivi ta' politika tal-Komunità;
- (iv) organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti tal-medja;
- (v) ġbir u pubblikazzjoni ta' materjal għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni kif ukoll tar-riżultati tal-Programm.

(ċ) Appoġġ lill-atturi ewlenin:

- (i) sostenn għall-ispejjeż operattivi ta' dawġ in-*networks* ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitàjiet tagħhom

ikunu marbuta ma' l-implementazzjoni ta' l-oġettivi tal-Programm;

- (ii) organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma ta' uffiċjali nazzjonali sabiex ikun hemm monitoraġġ ta' l-implementazzjoni tal-liġi Komunitarja;

- (iii) finanzjament ta' *seminars* speċjalizzati indirizzati lejn dawġ li jaħdmu fil-qasam, uffiċjali ewlenin u atturi rilevanti oħrajn;

- (iv) *networking* fost korpi speċjalizzati fil-livell Ewropew;

- (v) finanzjament ta' *networks* ta' l-esperti;

- (vi) finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew;

- (vii) skambju ta' persunal bejn amministrazzjonijiet nazzjonali;

- (viii) koperazzjoni ma' istituzzjonijiet internazzjonali.

2. L-attivitàjiet previsti fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom ikollhom dimensjoni Ewropea b'saħħitha, ikunu ta' skala adegwata sabiex jiġi żgurat valur miżjud Ewropew reali u jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, minn korpi speċjalizzati previsti taħt il-liġi Komunitarja jew minn atturi meqjusa bħala l-partijiet ewlenin fil-qasam tagħhom.

3. Il-programm m'għandu jiffinanzja l-ebda miżura għall-preparazzjoni u l-implementazzjoni tas-Snin Ewropej.

Artikolu 10

Aċċess għall-Programm

1. L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għall-korpi pubbliċi u/jew privati kollha, atturi u istituzzjonijiet, b'mod partikolari:

- (a) Stati Membri;

- (b) servizzi pubbliċi ta' l-impjeg u l-aġenziji tagħhom;

- (c) awtoritajiet lokali u reġjonali;

- (d) korpi speċjalizzati previsti taħt il-leġislazzjoni Komunitarja;

- (e) l-imsieħba soċjali;

- (f) NGOs, b'mod partikolari dawġ organizzati fil-livell Ewropew;

- (g) istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni superjuri u istituti tar-riċerka;

- (h) esperti fil-valutazzjoni;

- (i) uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika;
- (j) medja.

2. Il-Kummissjoni tista' wkoll tipparteċipa direttament fil-Programm safejn ikunu konċernati l-attivitajiet previsti fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 9(1).

Artikolu 11

Metodu ta' applikazzjoni għall-appoġġ

1. L-attivitajiet tat-tip imsemmi fl-Artikolu 9 jistgħu jiġu finanzjati permezz ta':

- (a) kuntratt ta' servizz wara li tkun saret sejħa għall-offerti, fejn għandhom japplikaw il-proċeduri ta' l-Eurostat fir-rigward tal-koperazzjoni ma' l-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika;
- (b) sostenn parzjali wara sejħa għal proposti, f'liema każ, bħala regola ġenerali, il-ko-finanzjament Komunitarju ma jistax ikun aktar minn 80 % tan-nefqa totali li tkun saret mir-riċevitur tas-sussidju. Kwalunkwe appoġġ finanzjarju li jkun aktar minn dan il-limitu massimu jista' jingħata biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u wara skrutinju strett.

2. It-tipi ta' azzjonijiet previsti taħt l-Artikolu 9(1) jistgħu jiġu sussidjati fuq talbiet għal sussidji, per eżempju minn Stati Membri, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 110 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽²⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 168 tiegħu.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet implementattivi

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li jirrelataw mal-materji li ġejjin għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2):

- (a) il-linji gwida ġenerali għall-implementazzjoni tal-Programm;
- (b) il-programm ta' ħidma annwali għall-implementazzjoni tal-Programm, maqsum f'taqsimiet differenti;
- (c) l-appoġġ finanzjarju maħsub li jingħata mill-Komunità;
- (d) il-baġit annwali, suġġett għall-Artikolu 17;
- (e) il-proċeduri għall-għażla ta' l-azzjonijiet maħsuba li jiġu appoġġati mill-Komunità u l-abbozz tal-lista, preżentata mill-Kummissjoni, ta' l-azzjonijiet maħsuba li jirċievu tali appoġġ;

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).

- (f) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-Programm inkluż dawk relatati ma' l-effikaċja rigward l-ispejjeż u l-arranġamenti għad-disseminazzjoni u t-trasferiment tar-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni relattivament għall-materji kollha diversi minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3).

Artikolu 13

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Fejn ikun hemm referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahrejn.

3. Fejn ikun hemm referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 14

Koperazzjoni ma' kumitati oħrajn

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rabtiet meħtieġa mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u mal-Kumitat ta' l-Impjiegi sabiex tiżgura li dawn ikunu mgħarrfa regolarment u kif xieraq dwar l-implementazzjoni ta' l-attivitajiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha wkoll tinforma lil Kumitati rilevanti oħrajn dwar l-azzjoni meħuda taħt il-ħames taqsimiet tal-Programm.

3. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni regolari u strutturata bejn il-Kumitati msemmija fl-Artikolu 13 u l-kumitati ta' monitoraġġ stabbiliti għal linji politiċi, strumenti u azzjonijiet rilevanti oħrajn.

Artikolu 15

Konsistenza u komplementarjetà

1. Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza globali ma' linji politiċi, strumenti u azzjonijiet oħrajn ta' l-Unjoni u l-Komunità, b'mod partikolari billi tistabbilixxi mekkaniżmi adatti għall-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Programm ma' attivitajiet rilevanti relatati ma' riċerka, mal-ġustizzja u ma' l-affarijiet interni, mal-kultura, ma' l-edukazzjoni, mat-taħriġ u mal-politika dwar iż-żgħażaġh, u fl-oqsma tat-tkabbir u tar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità, u mal-politika reġjonali u l-politika ekonomika ġenerali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għas-sinerġiji possibbli bejn dan il-Programm u dawk fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm konsistenza u komplementarjetà u li ma jkunx hemm duplikazzjoni bejn l-attivitajiet meħuda taħt il-Programm u azzjonijiet rilevanti oħrajn ta' l-Unjoni u tal-Komunità, b'mod partikolari taħt il-Fondi Strutturali, speċjalment il-Fond Soċjali Ewropew.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-infiq kopert mill-Programm u addebitat lill-Programm ma jiġux addebitati lil xi strument finanzjarju ieħor tal-Komunità.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Kumitat msemmi fl-Artikolu 13 mgħarraf regolarment dwar azzjonijiet oħra tal-Komunità li jikkontribwixxu għall-miri ta' l-istrategġija ta' Lisbona, fil-qasam ta' l-Aġenda Soċjali.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli sabiex jiżguraw li jkun hemm konsistenza u komplementarjetà bejn l-attivitajiet taħt il-Programm u dawk li jkunu saru fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

Artikolu 16

Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

- il-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE;
- il-pajjiżi li se jrin isiru Stati Membri u l-pajjiżi kandidati assoċjati ma' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-pajjiżi Balkani tal-punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni.

Artikolu 17

Finanzjament

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implementazzjoni ta' l-attivitajiet Komunitarji msemmi f'din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 huwa b'dan stabbilit bħala 657 590 000 EUR (*).

2. Tul il-perjodu kollu tal-programm, it-tqasim finanzjarju bejn it-Taqsimiet differenti għandu jirrispetta l-limiti inferjuri li ġejjin:

Taqsima 1	Impjiegi	23 %
Taqsima 2	Protezzjoni soċjali u inklużjoni	30 %
Taqsima 3	Kundizzjonijiet tax-xogħol	10 %
Taqsima 4	Anti-diskriminazzjoni u diversità	23 %
Taqsima 5	Ugwaljanza bejn is-sessi	12 %

3. Massimu ta' 2 % tal-pakkett finanzjarju għandu jkun attribwit għall-implementazzjoni tal-Programm sabiex ikopri, per eżempju, l-ispiża relatata mal-funzjonament tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13 jew mal-valutazzjonijiet li jsiru skond l-Artikolu 19.

(*) Dan l-ammont huwa bbażat fuq il-figuri ta' l-2004 u għandu jkun suġġett għal aġġustament tekniku sabiex jittieħed kont ta' l-inflazzjoni.

4. L-approprijazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

5. Il-Kummissjoni tista' tirrikorri għal assistenza teknika u/jew amministrattiva, għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u tal-benefiċjarji, kif ukoll għal infiq ta' appoġġ.

Artikolu 18

Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implementati azzjonijiet finanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'kontrolli effikaċi u bl-irkupru ta' l-ammonti li jkunu tħallsu indebitament u, jekk jiġu skoperti xi irregolaritajiet, b'sanzjonijiet li jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ⁽²⁾, kif ukoll skond ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immedxxja mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ⁽³⁾.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji finanzjati taħt din id-Deċiżjoni, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni ta' liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew x'aktarx ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew baġits amministrati minnha, b'nefqa mhux ġustifikata.

3. Il-kuntratti u l-ftehim kif ukoll il-ftehim ma' pajjiżi terzi parteċipanti li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha) u għall-verifika mill-Qorti ta' l-Awdituri, jekk meħtieġ, fuq il-post.

Artikolu 19

Monitoraġġ u valutazzjoni

1. Biex jiġi żgurat il-monitoraġġ regolari tal-Programm u sabiex ikunu jistgħu jsiru r-risorjentazzjonijiet meħtieġa, il-Kummissjoni għandha tfassal rapporti ta' attività annwali li jiffokaw fuq ir-riżultati miksuba permezz tal-Programm u tibgħathom lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13.

2. It-taqsimiet diversi tal-Programm għandhom ikunu wkoll is-suġġett ta' valutazzjoni ta' nofs it-term, li tipprovdi rjassunt

⁽¹⁾ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

ġenerali tal-Programm fit-totalità tiegħu sabiex jiġi mkejje l-progress li jkun sar lejn l-oġġettivi tal-Programm, ta' l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-valur miżjud tiegħu Ewropew. Din il-valutazzjoni tista' tiġi supplimentata b'valutazzjonijiet li jkunu qegħdin jitwettqu. Dawn għandhom isiru mill-Kummissjoni bl-assistenza ta' esperti esterni. Meta jkunu disponibbli, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu rappurtati fir-rapporti ta' attività msemmija fil-paragrafu 1.

3. Għandha ssir valutazzjoni ex-post li tkopri l-Programm kollu, sal-31 ta' Diċembru 2015, mill-Kummissjoni bl-assistenza ta' esperti esterni, sabiex jiġi meqjus l-impatt ta' l-oġġettivi tal-Programm u tal-valur miżjud Ewropew tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-valutazzjoni ta' l-esperti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

4. L-implementazzjoni tat-taqsimiet individwali tal-Programm, inklużi l-preżentazzjoni tar-riżultati u d-djalogu dwar prijoritajiet

futuri, għandha wkoll tiġi diskussa fi ħdan il-qafas tal-Forum dwar l-implementazzjoni ta' l-Aġenda Soċjali.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, l-24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

Għall-Kunsill

Il-President

P. LEHTOMÄKI